IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.3.2013
COM(2013) 155 final

2013/0084 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MT MT

MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jagħmel distinzjoni bejn is-setgħat iddelegati lill-Kummissjoni biex tadotta atti mhux leġiżlattivi ta’ applikazzjoni ġenerali li jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali ta’ att leġiżlattiv partikolari, kif stipulat fl-Artikolu 290(1) tat-TFUE (atti delegati), u s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni biex tadotta kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta’ atti tal-Unjoni li huma legalment vinkolanti, kif stipulat fl-Artikolu 291(2) tat-TFUE (atti ta' implimentazzjoni).

Il-Kummissjoni impenjat ruħha[1], skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta’ kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta’ implimentazzjoni[2], li tirrevedi atti leġiżlattivi li bħalissa jinkludu referenzi għall-proċedura regolatorja bi skrutinju fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fit-Trattat.

L-għan ġenerali huwa li sa tmiem is-seba' mandat tal-Parlament (Ġunju 2014), jitneħħew id-dispożizzjonijiet kollha li jirreferu għall-proċedura regolatorja bi skrutinju mill-istrumenti leġiżlattivi kollha.

Fil-kuntest tal-allinjament tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 tad-9 ta' Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità[3] mar-regoli l-ġodda tat-TFUE, is-setgħat li attwalment huma konferiti lill-Kummissjoni permezz ta’ dak ir-Regolament ġew ikklassifikati mill-ġdid.

L-Istħarriġ tal-UE dwar il-Forza tax-Xogħol (LFS) huwa l-akbar stħarriġ tal-unitajiet domestiċi fl-Ewropa. Ir-riżultati li dan jipproduċi dwar l-impjiegi, il-qgħad u l-persuni li jinsabu barra mis-suq tax-xogħol jiffurmaw is-sinsla tas-sistema ta' informazzjoni statistika dwar is-swieq tax-xogħol fl-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, l-LFS jipprovdi l-indikaturi għal tlieta mill-miri ewlenin tal-Ewropa 2020.

L-istituti nazzjonali tal-istatistika huma responsabbli li jagħżlu l-kampjun, iħejju l-kwestjonarji, iwettqu intervisti diretti fost il-familji, u jibagħtu r-riżultati lill-Eurostat skont l-iskema ta' kodifikazzjoni komuni.

Kull sena, il-qalba tal-LFS hija ssupplimentata bl-hekk imsejjaħ modulu *ad hoc*. Filwaqt li l-parti ewlenija tal-istħarriġ hija ta’ interess indaqs fil-livelli nazzjonali u Ewropej, il-moduli *ad hoc* li jinbidlu kull sena jservu fil-biċċa l-kbira l-inizjattivi ta’ politika Ewropea, fosthom l-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi, l-inizjattiva ewlenija Żgħażagħ Attivi, l-Istrateġija għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel, l-aġenda Ewropea għall-integrazzjoni u l-Pakkett dwar l-Impjiegi.

Il-produzzjoni sostenibbli ta’ dejta tal-modulu *ad hoc* ta' kwalità għolja hija ta' importanza kbira għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-UE, u għalhekk qed jiġi propost li tiġi integrata dispożizzjoni dwar il-finanzjament fir-Regolament.

---

[1] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 19.
[2] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.
[3] ĠU L 77, 14.3.1998, p. 3.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Ġew ikkonsultati d-Diretturi tal-Istatistika Soċjali u l-Kumitat għas-Sistema Statistika Ewropea.

Ma kien hemm l-ebda bżonn li ssir valutazzjoni tal-impatt.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-għanijiet ta' din il-proposta huma:

(i) li jinbidel ir-Regolament (KE) Nru 577/98 u jiġi allinjat mal-kuntest istituzzjonali ġdid. B'mod partikolari, l-għan hu li jiġu identifikati liema setgħat għandha l-Kummissjoni u li tiġi stabbilita l-proċedura xierqa għall-adozzjoni ta' miżuri fuq il-bażi ta' dawn is-setgħat.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 577/98. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti delegati, il-kontenut tal-moduli *ad hoc*, id-definizzjonijiet u kull aġġustament tal-lista tal-varjabbli tal-istħarriġ li jkun meħtieġ minħabba l-evoluzzjoni tat-tekniki u l-kunċetti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti delegati, il-lista ta' varjabbli strutturali, inkluż id-daqs minimu tal-kampjun u l-frekwenza tal-istħarriġ. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawn l-atti delegati ma jimponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri u fuq l-unitajiet li jwieġbu.

Is-setgħat ta' implimentazzjoni huma kkonferiti lill-Kummissjoni bil-ħsieb li jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi rigward it-trażmissjoni tal-informazzjoni statistika, partikolarment billi jiġu adottati r-regoli dwar ir-reviżjonijiet li għandhom jintużaw, il-kodifikazzjoni tal-varjabbli u lista tal-prinċipji għall-formulazzjoni tal-mistoqsijiet dwar l-istatus tax-xogħol, skont il-proċedura ta' eżami stabbilita fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(ii) li l-Kummissjoni titqiegħed f'pożizzjoni li tipprevedi kontribuzzjoni finanzjarja. Dan huwa propost minħabba l-importanza tal-moduli *ad hoc* tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol b'appoġġ għall-politiki tal-Unjoni. Tali kontribuzzjoni mill-Unjoni għall-finanzjament tal-implimentazzjoni tagħhom hija proposta permezz ta' proċeduri ta' għotja, mingħajr sejħiet għal proposti. L-għotjiet għandhom jingħataw lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lil awtoritajiet nazzjonali oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea[4]. Sabiex ikunu permessi proċeduri amministrattivi simplifikati b'mod sinifikanti kif ukoll tnaqqis sostanjzali tar-riskju ta' żbalji marbuta mal-ġestjoni tal-għotjiet, jista' jiġi propost l-użu ta' somom f'daqqa skont l-Artikolu 124(1) tar-Regolament Finanzjarju.

- **Bażi legali**

L-Artikolu 338(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **L-għażla tal-istrument**

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-implikazzjonijiet baġitarji huma stabbiliti fid-dikjarazzjoni finanzjarja.

[4] ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.

- **Iż-Żona Ekonomika Ewropea**

L-att propost jikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE u għalhekk għandu jestendi għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

2013/0084 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li bagħtu l-abbozz ta’ att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) B'konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni jridu jiġu allinjati mal-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE.

(2) Il-Kummissjoni impenjat ruħha[5], skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta’ kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta’ implimentazzjoni[6], li tirrevedi atti leġiżlattivi li bħalissa jinkludu referenzi għall-proċedura regolatorja bi skrutinju fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fit-Trattat.

(3) Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' atti leġiżlattivi partikolari, speċjalment biex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u tekniċi. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawn l-atti delegati ma jimponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri u fuq l-unitajiet li jwieġbu.

(4) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 tad-9 ta' Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità[7] jinkludi referenzi għall-proċedura regolatorja bi skrutinju u għalhekk għandu jiġi rivedut fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fit-Trattat.

(5) Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 577/98 fir-rigward tal-kontenut tal-moduli *ad hoc*, id-definizzjonijiet, u kull aġġustament tal-lista tal-varjabbli tal-istħarriġ li jkun meħtieġ

[5] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 19.
[6] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.
[7] ĠU L 77, 14.3.1998, p. 3.

minħabba l-evoluzzjoni tat-tekniki u l-kunċetti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati sabiex tadotta l-lista ta' varjabbli strutturali, inkluż id-daqs minimu tal-kampjun u l-frekwenza tal-istħarriġ.

(6) Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Meta tkun qed tħejji u tfassal l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(7) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom ikunu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(8) Fid-dawl tal-importanza tal-moduli *ad hoc* tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol b'appoġġ għall-politiki tal-Unjoni, hija proposta kontribuzzjoni mill-Unjoni għall-finanzjament tal-implimentazzjoni tagħhom permezz ta' proċeduri ta' għotja, mingħajr sejħiet għal proposti. L-għotjiet għandhom jingħataw lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lil awtoritajiet nazzjonali oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea[8]. L-għotjiet li jingħataw bl-għan li jitwettqu stħarriġiet dwar il-forza tax-xogħol jistgħu jieħdu l-forma ta' somom f'daqqa. F'dan il-kuntest, l-użu ta' somom f'daqqa għandu jkun mezz ewlieni kif tiġi ssimplifikata l-ġestjoni tal-għotjiet.

(9) B'deroga mill-Artikolu 126(3)(e) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[9], minħabba ż-żieda fil-piż amministrattiv b'rabta mal-informazzjoni addizzjonali li trid tinġabar għall-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol li se jgħin biex jiġu pprovduti l-indikaturi għal tlieta mill-miri ewlenin tal-Ewropa 2020, jeħtieġ li jiġu konfinanzjati l-ispejjeż tas-salarji tal-persunal ta' amministrazzjonijiet nazzjonali anki jekk l-awtorità pubblika relevanti tkun wettqet l-azzjoni sostnuta mingħajr għotja tal-UE.

(10) B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, sabiex jinkiseb l-għan bażiku ta' allinjament tas-setgħat ikkonferiti lill-Kummissjoni mal-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE, huwa meħtieġ u xieraq li jiġu stabbiliti r-regoli dwar dan l-allinjament fir-Regolament (KE) Nru 577/98. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak l-għan, skont l-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

(11) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, jeħtieġ li l-proċeduri għall-adozzjoni ta' miżuri li nbdew iżda ma tlestewx qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ma jiġux affettwati minn dan ir-Regolament.

(12) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 577/98 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 577/98 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

[8] ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.
[9] ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

"2.	Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 7c, dwar id-definizzjonijiet u kull aġġustament tal-lista tal-varjabbli tal-istħarriġ li jkun meħtieġ minħabba l-evoluzzjoni tat-tekniki u l-kunċetti.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 7c, dwar lista ta' varjabbli (minn hawn 'il quddiem imsejħa "varjabbli strutturali"), inkluż id-daqs minimu tal-kampjun u l-frekwenza tal-istħarriġ, minn fost il-karatteristiċi tal-istħarriġ speċifikati fil-paragrafu 1 li għandhom jiġu mistħarrġa biss bħala medji annwali b'referenza għal 52 ġimgħa aktar milli bħala medji trimestrali.

3.	Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta r-regoli dwar ir-reviżjonijiet li għandhom jintużaw, il-kodifikazzjoni tal-varjabbli u l-lista tal-prinċipji għall-formulazzjoni tal-mistoqsijiet dwar l-istatus tax-xogħol. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 8(2)."

(b) il-paragrafu 4 huwa mħassar.

(2)	Għandhom jiżdiedu l-Artikoli 7a, 7b u 7c li ġejjin:

"Artikolu 7a
Moduli ad hoc

1.	Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 7c dwar sett addizzjonali ta' varjabbli (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "modulu *ad hoc*") sabiex jissupplimenta l-informazzjoni deskritta fl-Artikolu 4(1), inklużi s-suġġett, il-perjodu ta' referenza, id-daqs tal-kampjun (indaqs jew inqas mid-daqs determinat tal-kampjun skont l-Artikolu 3) u l-iskadenza għat-trażmissjoni tar-riżultati (li tista' tkun differenti mill-iskadenza skont l-Artikolu 6).

2.	Il-lista ddettaljata tal-informazzjoni li trid tinġabar f'modulu *ad hoc* għandha tiġi kkompilata mill-inqas 12-il xahar qabel ma jibda l-perjodu ta' referenza għal dak il-modulu. Il-volum ta' modulu *ad hoc* għandu jkun limitat għal 11-il varjabbli.

Artikolu 7b
Dispożizzjoni finanzjarja

L-Unjoni tista' tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lil awtoritajiet nazzjonali oħra msemmija bħala l-benefiċjarji magħżula fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, għall-implimentazzjoni tal-moduli *ad hoc* kif imsemmi fl-Artikolu 7a skont l-Artikolu X tar-Regolament (UE) Nru XX/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni[10], [COM (2011) 609 finali].

Artikolu 7c
Eżerċizzju tas-setgħat delegati

1.	Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2.	Meta teżerċita s-setgħat delegati b'konformità mal-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 7a, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-atti delegati ma jimponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri u fuq dawk li jwieġbu.

[10] Għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

3. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(2) u fl-Artikolu 7a għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn (Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data preċiża tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament emendatorju).

4. Id-delega ta' setgħat imsemmija fl-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 7a tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Hija ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li diġà jkun hemm fis-seħħ.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah fl-istess waqt lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 7a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jagħlaq dan iż-żmien, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jkunu informaw it-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

(3) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 8

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat għas-Sistema Statistika Ewropea stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-proċeduri għall-adozzjoni ta' miżuri previsti fir-Regolament (KE) Nru 577/98 li nbdew iżda ma tlestewx qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew *Għall-Kunsill*

Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/Oqsma tal-politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Għanijiet

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. L-intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i affettwat(i)

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

IR-REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB[11]

3403 – Produzzjoni ta' informazzjoni statistika

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[12]

X Il-proposta/l-inizjattiva għandha x'taqsam mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha x'taqsam ma' **azzjoni indirizzata mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għanijiet

1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku(ċi) pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva

Programm Statistiku Komunitarju 2008 sal-2012, Titolu VIII "Impjieg". Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017[13], it-Taqsima 3.2 "L-Ewropa tal-persuni".

1.4.2. Għan(ijiet) speċifiku/ċi u attività/ajiet tal-ABM/ABB ikkonċernata/i

Għan speċifiku Nru. Għan speċifiku 1 – il-produzzjoni tad-dejta Attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernata/i 3403 – Il-produzzjoni ta' informazzjoni statistika

[11] ABM: Immaniġġjar Ibbażat fuq l-Attività – ABB: Ibbaġitjar Ibbażat fuq l-Attività.
[12] Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.
[13] ĠU L 39, 9.2.2013, p. 12.

1.4.3. *Riżultat(i) mistenni(ja) u impatt*

Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

Iġbor l-informazzjoni statistika dwar suġġetti speċifiċi marbuta mas-suq tax-xogħol u rilevanti għall-inizjattivi tal-politika tal-UE (suġġett differenti kull sena, fuq proposta ta' dawk li jfasslu l-politika; pereżempju, fl-2010 inġabret dejta dwar ir-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja, fl-2011 dwar is-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol, u fl-2012 dwar it-tranżizzjoni mix-xogħol għall-irtirar).

Minħabba l-possibbiltà li din l-informazzjoni tiġi inkroċjata mal-varjabbli miġbura regolarment fil-qalba tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol (LFS), l-inizjattiva se tipprovdi evidenza statistika komparabbli għall-formulazzjoni u l-evalwazzjoni tal-inizjattivi speċifiċi tal-UE marbuta mas-suq tax-xogħol.

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

Il-Kummissjoni (Eurostat) tiddefinixxi linji gwida komuni tas-Sistema Statistika Ewropea għall-implimentazzjoni tal-moduli *ad hoc* tal-LFS. Il-kwalità tad-dejta statistika se tkun żgurata permezz ta' kontrolli speċifiċi tad-daqs minimu tal-kampjun.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. *Ir-rekwiżit(i) li jrid(u) jintlaħaq/jintlaħqu fuq medda qasira jew twila ta' żmien*

Indikaturi komparabbli dwar is-suġġett speċifiku tal-modulu (wieħed differenti kull sena) ippubblikat.

Riżultati tar-rappurtar tal-pubblikazzjonijiet speċjali.

Mikrodejta rrilaxxata lill-komunità tar-riċerka.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Il-paragun tar-riżultati fil-livell tal-UE dwar l-inizjattivi speċifiċi tal-UE — li huwa meħtieġ għall-miżuri tat-tfassil tal-politika.

1.5.3. *Tagħlimiet li ttieħdu minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri kollha, li hija essenzjali għall-utilità tad-dejta għat-tfassil tal-politika, tista' tiġi żgurata biss permezz ta' att legali akkumpanjat mill-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni.

1.5.4. *Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħrajn*

Billi l-modulu huwa mehmuż mal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol, id-dejta pprovduta mill-modulu se tkun konsistenti mal-LFS u tista' tiġi sfruttata simultanjament miegħu, u għalhekk issaħħaħ ir-riżultati.

1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva b'**tul taż-żmien limitat**

- ☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

X Proposta/inizjattiva b'**tul ta' żmien mingħajr limitu**

- Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu minn SSSS sa SSSS,
- segwita minn tħaddim fuq skala sħiħa.

1.7. Metod(i) ta' ġestjoni previst(i)[14]

X **Ġestjoni diretta ċentralizzata** mill-Kummissjoni

☐ **Ġestjoni indiretta ċentralizzata** bid-delega ta' kompiti ta' implimentazzjoni lil:

- ☐ aġenziji eżekuttivi
- ☐ korpi mwaqqfa mill-Komunitajiet[15]
- ☐ korpi nazzjonali mis-settur pubbliku/korpi b'missjoni tas-servizz pubbliku
- ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

☐ **Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali ***(trid tispeċifika)***

Jekk tindika aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovdi d- dettalji fit-taqsima "Kummenti".

Kummenti

Il-ġbir tad-dejta se jiġi kofinanzjat mill-UE b'għotjiet lill-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika (kollha kemm huma jkunu korpi pubbliċi) li jistgħu jieħdu l-forma ta' somom f'daqqa, skont ir-Regolament Finanzjarju.

[14] Id-dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinstabu fuq is-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

[15] Kif imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

2. MIŻURI TA’ ĠESTJONI

2.1. Regoli ta’ monitoraġġ u rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Ir-rappurtar dettaljat regolari tal-kwalità tal-implimentazzjoni huwa fis-seħħ, skont ir-regoli speċifiċi tal-Eurostat.

Dawk li jirċievu l-għotjiet għandhom jibagħtu d-dejta miġbura u r-rapport ta’ kwalità korrispondenti.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat/i

Metodu ta' ġestjoni diretta = riskji inerenti limitati għall-ġestjoni tal-għotjiet.

2.2.2. Metodu/i ta' kontroll previst(i)

L-użu ta' forma simplifikata ta’ għotjiet jista’ jnaqqas ir-riskju ta’ żbalji.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew previsti.

Ir-riċevituri potenzjali kollha tal-għotjiet huma korpi pubbliċi (Istituti Nazzjonali tal-Istatistika). Dawn huma għotjiet mingħajr sejħiet għal proposti. Hemm fis-seħħ kontrolli, li jqisu dawn il-proċeduri speċifiċi tal-għotjiet, u jinvolvu l-analiżi *ex-ante* u *ex-post* tal-ġestjoni tal-għotjiet.

L-użu ta' somom f'daqqa, skont l-Artikolu 124(1) tar-Regolament Finanzjarju, inaqqas sostanzjalment ir-riskju ta’ żbalji relatati mal-ġestjoni tal-għotjiet sabiex jippermetti amministrazzjoni simplifikata b’mod sinifikanti.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. L-intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i milquta

(1)Linji baġitarji tan-nefqa eżistenti

Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' **nefqa**	Kontribuzzjoni			
	Numru [Deskrizzjoni ………………………..…….….]	Diff./mhux diff. (16)	**minn pajjiżi tal-EFTA**[17]	minn pajjiżi kandidati[18]	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.YY.YY.YY]	Diff/mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

(2)Linji baġitarji ġodda mitluba

Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**Linja baġitarja**	**Tip ta' nefqa**	Kontribuzzjoni			
	INTESTATURA 1: Tkabbir intelliġenti u inklużiv	Diff./mhux diff.	**minn pajjiżi tal-EFTA**	**minn pajjiżi kandidati**	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
1a	***04 03 02 01 XX*** PROGRESS — Appoġġ għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-impjiegi u l-politika soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol	AD	IVA	IVA	LE	LE

16 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati/Mhux diff. =Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

17 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

18 Il-pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:	Numru	**INTESTATURA 1: Tkabbir Intelliġenti u Inklużiv**

DĠ EMPL			Sena **N**[19] **2014**	Sena **N+1** **2015**	Sena **N+2** **2016**	Sena **N+3** **2017**	Sena **N+4** **2018**	Sena **N+5** **2019**	Sena **N+6** **2020**	**TOTAL**
• Approprjazzjonijiet operazzjonali										
Numru tal-linja baġitarja	Impenji	(1)	2	2	2	2	2	2	2	**14**
	Pagamenti	(2)	0,8	0,8	2	2	2	2	2	**11,6**
In-numru tal-linja baġitarja	Impenji	(1a)								
	Pagamenti	(2a)								
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi[20]										
In-numru tal-linja baġitarja 29.010405		(3)	**0,047**	**0,047**	**0,047**	**0,047**	**0,047**	**0,047**	**0,047**	**0,329**
Approprjazzjonijiet TOTALI għad-DĠ EMPL	Impenji	=1+1a +3	2,047	2,047	2,047	2,047	2,047	2,047	2,047	**14,329**
	Pagamenti	=2+2a +3	0,847	0,847	2,047	2,047	2,047	2,047	2,047	**11,929**

Nota: Dan il-kalkolu jippreżumi prefinanzjament ta' 40 % fis-sena N u pagament finali ta' 60 % fis-sena N + 2.

---

19 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

20 Assistenza u nefqa teknika u/jew amministrattiva b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi u/jew l-azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu linji "BA"), ir-riċerka indiretta u r-riċerka diretta.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:	5	Nefqa amministrattiva

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

		Sena N 2014	Sena N+1 2015	Sena N+2 2016	Sena N+3 2017	Sena N+4 2018	Sena N+5 2019	Sena N+6 2020	TOTAL
DĠ ESTAT									
• Riżorsi umani		0,223	0,223	0,223	0,223	0,223	0,223	0,223	**1,559**
• Nefqa amministrattiva oħra									
TOTAL DĠ ESTAT	Approprjazzjonijiet								

Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Pagamenti totali)								

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

		Sena N 2014	Sena N+1 2015	Sena N+2 2016	Sena N+3 2017	Sena N+4 2018	Sena N+5 2019	Sena N+6 2020	TOTAL
Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	2,270	2,270	2,270	2,270	2,270	2,270	2,270	**15,890**
	Pagamenti	1,070	1,070	2,270	2,270	2,270	2,270	2,270	**13,490**

3.2.2. *Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali
- X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Indika l-għanijiet u r-riżultati ⇩			Sena **N** **2014**		Sena **N+1** **2015**		Sena **N+2** **2016**		Sena **N+3** **2017**		Sena **N+4** **2018**		Sena **N+5** **2019**		Sena **N+6** **2020**		**TOTAL**	
	RIŻULTATI																	
	Tip ta' riżultat[21]	Spiża medja tar-riżultat	Numru ta' riżultati	Spiża	Numru ta' riżultati	Spiża	Numru ta' riżultati	Spiża	Numru ta' riżultati	Spiża	Numru ta' riżultati	Spiża	Numru ta' riżultati	Spiża	Numru ta' riżultati	Spiża	Għadd totali ta' riżultati	Spiża totali
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1[22]			Il-provvista ta' statistika ta' kwalità dwar oqsma ewlenin tal-politika soċjali															
Għadd ta' rekords	L-istħarriġ ta'mikrodejta	EUR 3,4 /rekord	580 905	2	580 905	2	580 905	2	580 905	2	580 905	2	580 905	2	580 905	2	4 066 336	14
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1			580,905	2	580 905	2	580 905	2	580 905	2	580 905	2	580 905	2	580 905	2	4,066,336	14
SPIŻA TOTALI			580,905	2	580 905	2	580 905	2	580 905	2	580 905	2	580 905	2	580 905	2	4,066,336	14

21 Ir-riżultati huma prodotti u servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta' skambji tal-istudenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

22 Kif deskritt fit-Taqsima 1.4.2. "Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi …".

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi
- X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

	Sena **N** **2014**	Sena **N+1** **2015**	Sena **N+2** **2016**	Sena **N+3** **2017**	Sena **N+4** **2018**	Sena **N+5** **2019**	Sena **N+6** **2020**	**TOTAL**
INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	0,223	0,223	0,223	0,223	0,223	0,223	0,223	**1,559**
Nefqa amministrattiva oħra								
Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Barra mill-INTESTATURA 5[23] tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	0,047	0,047	0,047	0,047	0,047	0,047	**0,047**	**0,328**
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva								
Subtotal barra l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
TOTAL	0,270	0,270	0,270	0,270	0,270	0,270	0,270	**1,887**

[23] Assistenza u nefqa teknika u/jew amministrattiva b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi u/jew l-azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu linji "BA"), ir-riċerka indiretta u r-riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' riżorsi umani
- X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima għandha tiġi mfissra f'unitajiet sħaħ tal-ħin ekwivalenti (jew sa mhux aktar minn punt deċimali wieħed)

		Sena **N** **2014**	Sena **N+1** **2015**	Sena **N+2** **2016**	Sena **N+3** **2017**	Sena **N+4** **2018**	Sena **N+5** **2019**	Sena **N+6** **2020**
• Karigi fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)								
29 01 01 01 (fil-Kwartieri Ġenerali u fl-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)		1,7	1,7	1,7	1,7	1,7	1,7	1,7
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)								
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)								
10 01 05 01 (Riċerka diretta)								
• Persunal estern (f'Unità ekwivalenti għal Full-Time: FTE)[24]								
02 01 (CA, INT, SNE mill-"pakkett globali")								
XX 01 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet)								
29 01 04 ***05*** [25]	- fil-Kwartieri Ġenerali[26]	0,6	0,6	0,6	0,6	0,6	0,6	0,6
	- fid-delegazzjonijiet							
XX 01 05 02 (CA, INT, SNE -— Riċerka indiretta)								
10 01 05 02 (CA, INT, SNE -— Riċerka diretta)								
Linji baġitarji oħra (speċifika)								
TOTAL		**2,3**	**2,3**	**2,3**	**2,3**	**2,3**	**2,3**	**2,3**

XX hija l-qasam tal-politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jagħmel tajjeb għalihom il-persunal mid-DĠ li huwa diġà assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li ntbagħat jaħdem mad-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl ta' restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	L-uffiċjali jwettqu l-kompiti li ġejjin: - Xogħol metodoloġiku għad-definizzjoni solida tal-istħarriġ - Xogħol tal-IT biex jirċievu, jivvalidaw u jipproċessaw id-dejta - Analiżi tad-dejta, rilaxx tad-dejta u appoġġ lill-utent

24 CA= Aġent Kuntrattwali; INT = persunal tal-aġenzija ('*Intérimaire*'); JED= '*Jeune Expert en Délégation*' (Esperti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet); LA= Aġent Lokali; SNE= Espert Nazzjonali Sekondat.

25 Taħt il-limitu massimu għall-persunal estern mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (dawk li qabel kienu l-linji "BA").

26 Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u għall-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

Persunal estern	L-SNE jwettaq il-kompiti li ġejjin: - Xogħol metodoloġiku għad-definizzjoni solida tal-istħarriġ

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

- X Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva se tinvolvi programmar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Mhux applikabbli

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teżiġi l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali[27].

Mhux applikabbli

3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

X Il-proposta/l-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

	Sena **N** **2014**	Sena **N+1** **2015**	Sena **N+2** **2016**	Sena **N+3** **2017**	Sena **N+4** **2018**	Sena **N+5** **2019**	Sena **N+6** **2020**	Total
Speċifika l-korp tal-kofinanzjament	0,86	0,86	0,86	0,86	0,86	0,86	0,86	6,02
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati	0,86	0,86	0,86	0,86	0,86	0,86	0,86	6,02

Nota: dawn l-ammonti huma stmati minn spejjeż storiċi, meta EUR 2 miljun kienu jiffinanzjaw 70 % tal-ispejjeż. Dan ifisser li kienu jirrikejdu EUR 0,86 miljun mingħand partijiet terzi. In-nuqqas ta' profitt huwa żgurat permezz ta' kalkolu *ex-ante* xieraq tal-ammonti ta' somom f'daqqa għal kull benefiċjarju (jiġifieri kull Stat Membru).

[27] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

Impatt stmat fuq id-dħul

- X Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
  - ☐ fuq ir-riżori proprji
  - ☐ fuq id-dħul mixxellanju

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena baġitarja attwali	Impatt tal-proposta/inizjattiva[28]						
		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	… daħħal il-kolonni li hemm bżonn biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu ………….								

Għad-dħul mixxellanju assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa milquta.

Mhux applikabbli

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

Mhux applikabbli

[28] Fir-rigward ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara tnaqqis ta' 25 % tal-ispejjeż tal-ġbir.